Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64

It- Tnejn, 11 ta' Diċembru 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.07pm

**64.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

64.1.1 Is- SE infurma lil Kunsill li ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

64.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tlieta u Sittin Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

64.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**64.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

64.3.1 Is- Sindku qal li kif ra kulħadd it-tizjin tal-Milied ntrama u qed jixgħel ġewwa l-Mdina.

64.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li l-applikazzjoni li ntefat mill-Kunsill ma' l-Awtorita' ta' L-Ippjanar wara li kienet mizmuma mis- Sovraintendenza tal-Wirt Storiku minħabba l-għoli tal-fencing propost dawn baqaw jinsistu li l-għoli ma għandux ikun izjed minn tlett piedi.Is-Sindku qal li jista' jkun li dan l-għoli ma jkunx bizzejjed biex il-proġett jilħaq l-għan tiegħu li nissalvagwardaw l-ambjent, saħħa u sigurta' tal-ġnien. Jekk dan ma jintlaħqax aħjar li dawn il-fondi maħruġa mill-Kunsill jintefqu fuq proġetti oħra li jolqtu lir-residenti direttament.

64.3.4 Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li l-Ikla tal-Milied ssir aktar 'l quddiem għar-raġuni li l-Viċi Sindku ser jidħol għal operazzjoni u jkun xieraq li jsir meta hu jkun prezenti. Il-Kunsill approva.

64.3.5 Is- Sindku infurma lil Kunsill li l-karozzi tad-drifters qed jerġgħu jiġu l-Mdina u qed jerġgħu ikissru l-paci u l-ambjent ta' madwar bil-ħsejjes u ksuħati tagħhom. Il-Pulizija ġew avzati b'dan l-inċident.

**64.4 Approvazzjoni tas- Siegħat tal-Leave mġedda għal 2024- Skrivani**

64.4.1 Is- SE ressaq talba tas- Sna. C. Camilleri biex 37.5 siegħat mil-leave ta' din is-sena jiġu mġedda għal 2024. Il-Kunsill approva.

**64.5 Estensjoni tal-Kuntratti tal-Knis u tas- Siġar u Ġonna għal Tlett Xhur.**

64.5.1 Is-SE infurma lil Kunsill li l-Bord ta'Evalwazzjoni għadu għaddej bil-proċess ta' verifika fuq is-sottomissjonijiet tal-offerti mitfugħa ghas- Servizzi ta' Knis kif ukoll tas- Sigar u Ġonna.

64.5.1.1 Għar-raġuni li l-kuntratti attwali ta' dawn is-servizzi jiskadi fl-aħħar ta' Diċembru huwa kien qed jitlob li l-dawn jiġu mġedda għal tlett xhur oħra sakemm jingħata l-kuntratt l-ġdid. Il-Kunsill approva li dawn jiġu estizi.

**64.6 Bagit 2024- Diskussjoni**

64.6.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-allokazzjoni li ngħatat mill-Gvern Ċentrali li tammonta għas-somma ta' € 290,000.

64.6.2 Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera ta'kif u fejn jistgħu jintefqu dawn l-ispejjez rikorrenti u ġie deċiz li fil-laqgħa li jmiss jitressaq abbozz ta' bagit għal approvazzjoni tal-Kunsill

**64.7 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

64.7.1 AKL:- Offerta ta' Health Insurance għal Kunsilliera u staff. Il-Kunsill approva li jagħmel din il-health insurance.

64.7.2 Assoc. Publju ta' Malta:- Talba biex fl-okkazjoni tal-festa liturġika ta' San Publu jagħmlu attivita' ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa magħhom.

64.5.3 Metropolitan Chapter:- Talba tiġi riallokata dust bin li tinsab fi Triq Santu rokku katuniera ma Triq is- Sur.

**64.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

64.6.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 11 ta' Diċembru 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 16,899.00

64.6.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta

**64.7 Tmiem tal- Laqgħa**

64.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 4.09pm u ġiet aġġornata għas-11 ta' Diċembru 2023 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___08 ta'Jannar 2024__